

# Patri Ġużepp Spiteri Fremond OSA



## Mużiċista u Kompożitur – 200 Sena mit-Twelid Tiegħu

minn Joseph Giorgio

Il-Patri Agostinjan Ġużepp Fremond, twieled f'Ħal Qormi fit-22 ta' Ottubru 1804, għalhekk din is-sena jaħbat il-200 sena mit-twelid tiegħu, u nagħmlu tajjeb jekk infakkruh. Twieled minn Ġorġ Spiteri u Desiderja Fremond. Dak iż-żmien ma kienx għad hemm skola Ħal Qormi, u meta beda jikber, studja ma' xi qassis mir-raħal.

Iżda ġara, li Ġużeppi ħass ġibda speċjali għall-mużika, u missieru, malli ntebaħ b'dan, ta' raġel intelliġenti li kien, bagħtu jistudja taħt is-Surmast Dun Ġużepp Burlò, minn Bormla. Ġara wkoll, illi Ġużeppi Fremond, tħajjar jidħol Patri Agostinjan, meta kellu 18-il sena. Sena wara fl-1883, intrabat bil-voti tar-regola monastika ta' Santu Wistin. Waqt li kompla jistudja l-mużika, huwa qaddes fil-25 ta' Novembru, 1827. Mill-kunvent ta' l-Agostinjani tar-Rabat ta' Malta, sab ruħu fil-kunvent ta' l-Agostinjani tal-Belt, x'aktarx biex ikun jista' jlaħħaq ma' l-istudju mużikali tiegħu.

Fil-fatt huwa siefer u mar l-Italja, f'Ġenova, u mill-ewwel ħatruh organista fil-knisja ta' l-Agostinjani hemmhekk. Minn Ġenova, mar Ruma, fejn għall-knisja ta' Santu Wistin kiteb quddiesa għall-orkestra sħiħa. Din il-quddiesa kienet miżmuma fil-biblijoteka ta' l-imsemmi kunvent. Wara żar bliet oħra, Londra u Pariġi, fejn iltaqa' ma' mużiċisti ta' kull ġens. Dawn żgur li ftit jew wisq influwenzaw lill-kompożitur Malti, iżda sfortunatament ma nafux fiż-żgur ma' min iltaqa'.

Patri Ġużepp żar l-Art Imqaddsa. Żar ukoll Lixandra, fejn kien hemm ħafna Maltin li talbuh jikteb xi mużika għall-knisja ta' hemmhekk, u hu kiteb u esegwa *Miserere* għall-orkestra sħiħa. Fil-Palestina d-dehriet tal-postijiet qaddisa żgur li qajmu fih il-fantasija mużikali tiegħu, li kellha ssib l-espressjoni tagħha fil-mijiet ta' salmi, innijiet u antifoni li kiteb.

Patri Ġużepp Spiteri Fremond, reġa' lura lejn il-kunvent ta' l-Agostinjani tal-Belt fl-1842, biex jissokta bil-missjoni tiegħu ta' surmast, direttur u kompożitur, ħidma li ħaditlu l-aħħar 30 sena ta' ħajtu. Il-Patri Agostinjan ried juri kif għandha tkun il-mużika sagra. Kien huwa stess li waqqaf klassi tal-mużika u kant fil-kulleġġ ta' Santu Wistin stess, li l-Agostinjani kellhom dak iż-żmien. Kien hu wkoll li daħħal fil-quddiesa u vespri, kantanti, u ilħna ħelwin. Il-mużiċista Agostinjan kien ukoll imfittex ħafna għal-lezzjonijiet privati, u għalhekk għen mhux ftit fl-iżvilupp tal-kultura mużikali f'Malta.

Mijiet u mijiet ta' studenti kisbu minn għandu l-formazzjoni mużikali. Ħafna minnhom żammew dan l-għerf għalihom, oħrajn għaddew dan it-tagħlim lil ħaddieħor, billi saru huma wkoll surmastrijiet bħal ngħidu aħna Mro. Francesco Mallia Cassar, Mro. Antonio Nani, u Mro. Emmanuel Bartoli. Billi kien fil-kunvent ta' Santu Wistin tal-Belt, kif għedna, Patri Spiteri Fremond, ried isebbaħ il-knisja ta' Santu Wistin b'dawk iż-żewġ kwadri laterali kbar li jsebbħu l-kor, xogħol il-pittur Ruman Domenico Bruschi, billi huwa ħallas minn butu bil-flus tas-servizzi u tal-lezzjnijiet. Hawnhekk ukoll tidher il-ġenerożità ta' dan il-kompożitur.

Baqa' jikteb u jħabrek sakemm ħallewh saħħtu u għajnejh. Qalbu f'idejh u jħenn għal għajru, issibu dejjem minn ta' quddiem biex jgħin lil sħabu mużiċisti, u kien jaħseb ukoll fihom f'mewthom, billi kien jistieden lill-istrumentalisti u lill-kantanti biex iħejju l-aħħar tislima b'xejn lil sħabhom.

L-istess wirja ta' għożża tawh il-mużiċisti, kantanti u surmastrijiet f'jum mewtu li ġrat nhar is-Sibt 12 ta' Jannar 1878, u l-għada, billi daqqewlu u kantawlu u dderiġew is-servizz funebri bla ħlas li kien sarlu fil-knisja ta' San Mark ta' l-Agostinjani tar-Rabat Malta, fejn kien ġie midfun ukoll fil-kappella ddedikata lil San Anton Abbati.